

Informazzjoni relatata mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen, ⁽¹⁾ kif ukoll tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit liema jkun l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil magħmula fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera ⁽²⁾

Billi l-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen, kif ukoll tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit liema jkun l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil magħmula fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera, it-tnejn iffirmati fil-Lussemburgu fis-26 ta' Ottubru 2004, tlestew fl-1 ta' Frar 2008, dawn il-Ftehim, f'konformità ma' l-artikoli 14(1) u 12(2) rispettivi tagħhom, ser jidħlu fis-seħħ simultanjament fl-1 ta' Marzu 2008.

⁽¹⁾ Ara paġna 52 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ Ara paġna 5 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.